# Domus Ecclesiae
## Tempju Bażilika li jagħti glorja lil Alla

minn Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic.

Fis-sena 2015, din il-parroċċa ta' Sidtna Marija Porto Salvo u San Duminku fakkret il-mitejn sena mit-tberik u l-ftuħ tagħha. Din is-sena, 2016, l-Ordni tal-Predikaturi qed jiċċelebra l-Ġublew speċjali tat-800 sena mill-approvazzjoni tiegħu mill-Papa Onorju III. Din is-sena wkoll, il-komunità tal-Porto Salvo fil-Belt Kapitali qed tikkommemora t-tieni ċentinarju minn meta l-Knisja Parrokkjali tagħha ġiet elevata għall-ġieħ ta' Bażilika Minuri. Tliet anniversarji li jfakkruna fi tliet avvenimenti kbar, meħjutin flimkien f'tapizzerija mlewna u minsuġin fil-kuntest ta' Ġublew straordinarju ieħor ... il-Ġublew tal-Ħniena.

"Hi ħaġa sabiħa li t-tieni ċentinarju tal-elevazzjoni ta' din il-knisja bħala bażilika jaħbat ukoll fis-sena Ġubilari tal-Ħniena ... Kemm hi ħaġa sabiħa li l-Papa jippermetti li ċerti knejjes fid-dinja jkunu msejħin bażiliċi. Allura juru l-għaqda tagħna bħala Knisja mal-knejjes ta' Ruma"[1] Dan huwa ġieħ li jgħaqqadna ma' familja kbira ta' knejjes oħra Bażiliċi mxerrda madwar id-dinja. Dawn huma tempji li lkoll għandhom rabta komuni bejniethom, dik ta' għaqda speċjali mal-Papa, Suċċessur ta' San Pietru. Huwa f'waqtu mela li, quddiem dan il-kuntest u hekk kif aħna msieħba niċċelebraw dan l-anniversarju, nsiru nafu x'tgħidilna l-istorja dwar dan it-titlu u liema huma l-knejjes f'gżirijietna li ġew imżejna b'dan l-unur.

### Djar għall-ġemgħa

Sa mill-ewwel żminijiet, bdiet tinħass il-ħtieġa fost l-insara, li jkollhom postijiet adatti għall-"ġemgħa" tagħhom. L-istess Kotba tat-Testment il-Ġdid jagħtuna x'nifhmu li barra d-djar, fejn kienu jistgħu jinġabru biss ftit nies, kien hemm ukoll postijiet oħra għall-"ġemgħa" tal-insara.[2] Dawn il-postijit, dawn id-*domus ecclesiae,* dawn "id-djar tal-ġemgħa", ma kinux knejjes kif nifhmuhom aħna, imma kienu aktar ċentri tal-komunità nisranija tal-post li jkun, u mhux biss il-post tal-"ġemgħa" tal-insara għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa.

Fil-kitba tal-ewwel żminijiet tal-Knisja, sa mis-seklu III, niltaqgħu ma' tagħrif dwar "djar ta' Alla" u "tempji tal-insara". Bini minn dan ġie mġarraf fi żmien il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu, iżda mibagħad reġa' ġie mibni mill-ġdid, isbaħ u aħjar.[3]

L-istruttura tal-postijiet fejn l-insara kienu jinġemgħu ma setgħetx tkun bħal dik tat-tempji tal-pagani. Dawn kienu tempji żgħar għax fihom ma kinux jinġabru n-nies.[4] L-insara, għall-kuntrarju, kienu jeħtieġu post kbir biżżejjed fejn il-ġemgħa kollha setgħet tinġabar għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Għalhekk, meta wara l-editt ta' Kostantinu (magħruf aħjar bħala l-editt ta' Milan) fis-sena 313, l-għadd tal-insara żdied sewwa, intgħażlet is-sura tal-bini ta' bażilika, bħala dik l-aktar adatta għall-ġemgħa tal-insara.[5]

Il-bażilika ta' żmien ir-Rumani tal-qedem kienet sala kbira, aktar twila milli wiesgħa, li kienet isservi bħala post fejn jiltaqgħu n-nies jew bħala qorti tal-ġustizzja. F'dan il-każ, it-tarf tas-sala kien ikun nofs tond (abside), fejn kienu joqogħdu l-imħallfin. Ħafna drabi, il-bini tal-bażilika, permezz ta' fillieri ta' kolonni, kien ikun maqsum fi tlieta jew ħames korsiji jew navi, b'dik tan-nofs, aktar wiesgħa u aktar għolja, biex isservi għal-laqgħat, waqt li l-korsiji tal-ġnub kienu jservu bħala passaġġi. Dawn il-bażiliki kont issibhom f'kull belt tar-Rumani u tal-Griegi u għad fadal ħafna

1 Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Silta mill-omelija fil-Quddiesa tas-Solennità Titulari taż-Żjara ta' Sidtna Marija lil Eliżabetta u l-200 Anniversarju mit-twaqqif tal-Knisja bħala Bażilika ċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali tal-Porto Salvo u San Duminku, il-Belt Valletta, 31 ta' Mejju 2016.

2 B'bod partikulari, wiehed għandu jirreferi hawn għal: 1 Tess 5, 12-27; 1 Kor 11, 17-34 fejn San Pawl jitħaddet fuq l-Ewkaristija u jagħmel għażla bejn id-dar tal-insara u l-post tal-laqgħa; u Ġak 2, 1-4 fejn San Ġakbu jitkellem fuq imkien kbir biżżejjed biex ikun hemm postijiet għall-għonja u għall-fqar ħalli ma ssirx għażla bejniethom.

3 Ewsebju ta' Ċesarija, fil-*Historica Ecclesiastica* tiegħu jgħid li qabel il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu, f'ħafna mkejjen, kienu nbnew knejjes kbar u sbieħ. Għalkemm ma nstabu l-ebda fdalijiet ta' knejjes ta' żmien il-persekuzzjonijiet ħlief dawk ta' Dura-Europos u ta' Għemmaws, din l-affermazzjoni ta' Ewsebju ma għandiex tiġi ddubitata. (Lupi, Ġ., *Il-Ġemgħa Liturġika u l-Post tal-Laqgħa tagħha*, Malta, 1984, p. 169)

4 Dawn it-tempji kien ikollhom biss l-istatwa tal-alla, u kienu jitqiesu bħal dar fejn l-alla kien jgħammar; l-altar li fuqu kienu jaħarqu l-inċens b'qima lill-alla kien ikun barra, quddiem it-tempju.

5 Dan l-editt ta d-dritt lill-insara li jistgħu jipprattikaw ir-reliġjon kristjana mingħajr indħil fil-belt ta' Ruma.

fdalijiet tagħhom.[6] L-insara, għalhekk, imitaw lir-Rumani mhix biss fil-kostruzzjoni u l-arkitettura, imma ukoll fl-isem li huma taw lil dawk il-knejjes tagħhom li kienu jisbqu oħrajn fil-kobor u il-ġmiel: *"per grandosità e per magnificenza"*.[7]

Il-bini tal-knejjes, mis-seklu IV 'il quddiem, kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent, kellu s-sura bażilikali, u ħafna bażiliċi li kienu ġa jeżistu bdew jintużaw bħala bini għall-knisja. Iżda mbagħad, fil-lvant, is-sura tal-bini tbiddlet meta nbena t-tempju ta' Santa Sofija f'Kostantinopli, fis-seklu VII, bini li kellu s-sura ta' *memoria*, bini tond jew poligonu li kien jinbena fuq il-qabar ta' xi ħadd.[8] Din id- drawwa tal-pagani ħaduha wkoll l-insara li bdew jibnu l-*memoriae* fuq l-oqbra ta' martri magħrufa: xi *memoriae* kienu jkunu kbar biżżejjed biex jilqgħu għadd mhux żgħir ta' nies waqt li oħrajn ma kinux ikunu ħlief kappelli żgħar.

Bħala regola wieħed kien jidħol fil-bażilika minn portiku jew kolonnat madwar *atrium* li f'nofsu kien ikollu vaska bl-ilma ġieri; mill-*atrium* wieħed kien igħaddi min-*narthex* jew intrata għal ġewwa l-bażilika.

Il-kelma "bażilika" llum għadna nużawha, iżda b'tifsir ieħor. Illum hija titolu ta' ġieħ mogħti, b'digriet tas-Santa Sede, lil xi knejjes minħabba l-importanza tagħhom. Minn digriet tal-Papa Benedittu XV, insiru nafu li l-Papiet jagħtu titli ta' onorificenza, bħal dak ta' Bażilika, lil xi knejjes li jispikkaw fihom, aktar minn oħrajn, għallinqas tliet ħwejjeġ: devozzjoni minn żmien twil tal-fidili, tifkiriet storiċi, u opri meraviljużi tal-arti.[9]

Hemm żewġ suriet ta' bażiliki: il-***Bazilicae Maiores*** huma l-bażiliċi partrijarkali ta' Ruma. Sa mis-seklu XVIII, it-titlu ta' ***Basilica Maior*** ġie riservat biss lil dawn il-knejjes minħabba li huma tal-Papa għal raġunijiet speċjali. Knejjes oħra jistgħu jirċievu t-titlu ta' ***Basilica Minor*** jekk huma magħrufin u huma ċentri ta' ħajja reliġjuża u pastorali.[10]

## L-eqdem Bażiliċi Nsara

Il-Bażilika Kristjana l-iktar antika hi dik ta' San Ġwann fil-Lateran. Meqjusa bħala *omnium urbis et orbis ecclesiarum mater et caput* (l-Omm u r-Ras tal-Knejjes kollha tad-dinja), din il-Bażilika kienet teżisti fis-sena 314 w.K..[11] Fis-sena 324 w.K. din il-Bażilika, flimkien mal-Palazzi Lateranensi bieb ma' bieb magħha, ġew ikkonsagrati mill-Papa Silvestru I. Il-Bażilika Lateranensi li hi ddedikata lis-Santissmu Salvatur, hi ukoll il-Katidral tal-Belt ta' Ruma, fejn il-Papa, bħala Isqof tal-Belt, għandu l-Katedra tiegħu. Minħabba l-pożizzjoni privileġġjata li tgawdi, il-Katedra tal-Lateran hi l-unika knisja li għandha t-titlu ta' Arċibażilika.

Fl-istess żmien li ġiet ikkonsagrata, fuq l-għolja tal-Vatikan kienet qed tinbena Bażilika oħra, dik ta' San Pietru. Kien wara s-sena 313 W.K. li l-Imperatur Kostantinu ta bidu għal din l-Bażilika fuq il-Qabar ta' San Pietru. Il-Bażilika Vatikana ġiet ikkonsagrata wkoll mill-Papa Silvestru I fit-18 ta' Novembru 326 w.K..

Fis-sena 324 w.K., il-Papa talab ukoll lill-istess Imperatur biex fuq il-qabar tal-Appostlu Pawlu, f'Via Ostiense, tinbena Bażilika oħra f'ġieħu. Il-Bażilika ta' San Paolo Fuori le Mura hi meqjusa bħala t-tielet l-eqdem fost il-Bażiliċi ta' Ruma.

Ftit taż-żmien wara, fis-sena 330 w.K. l-Imperatur Kostantinu kkummissjona l-bini tal-Bażilika ta' San Lorenzo Fuori le Mura. Din il-Bażilika twaqqfet fuq il-post fejn kienu jinsabu l-fdalijiet tal-qaddis.

---

6 F'Ruma kien hemm l-Bażilika Porcia, li hi meqjusa bħala l-eqdem waħda li nbniet fuq ordni ta' Marcus Porcius Cato fis-sena 184 q.K. u meqruda waqt il-funeral ta' Publius Clodius fis-sena 52 q.K., il-Bażilika Amelia, mibnija fis-sena 179 q.K. minn Marcus Fulvius Nobilior u li tagħha llum wieħed jista' jara l-pjanta u xi elementi li reġgħu gew mibnija u l-Bażilika Julia li bdiet tinbena fis-sena 46 q.K. minn Gaius Julius Caesar.

7 Zaccherini, G., "Basilica", f'*Lessico Ecclesiastico*, col 1, Milano, 1901, p. 439.

8 F'Ruma huma magħrufin sewwa l-memorji ta' Cecilia Metella f'Via Appia li, fiż-żminijiet tan-nofs kienet tbiddlet f'fortizza, tal-imperatur Adrijanu, li nbidlet f'Castel Sant'Angelo u l-mawsolew tal-imperatur Augusto.

9 *"Tempia Dei quae tum antiqua fidelium religione, tum historicis memoriis, tum mirandis artis operibus prae ceteris eniteant, de Romanorum Pontificum Decessorum Nostrorum more, peculiaribus itemque honorificis titulis cohonestare satagimus, ut pietatem quoque fidelium eadem templa celebrantium singulari Nostrae voluntatis pignore rependamus."* (Ittra Appostolika *Tempia Dei, Acta Apostolicae Sedis*, a. X, vol. X, 1918, p. 12) Bil-Malti fi traduzzjoni libera tiġi taqra hekk: "Bħal Papiet, predeċessuri tagħna, aħna dejjem nagħmlu ħilitna biex ngħanu b'titli speċjali u ta' ġieħ lil dawk it-tempji ta' Alla li, b'differenza minn oħra, jispikkaw kemm għall-devozzjoni antika tal-fidili tagħhom, kemm għall-memorja storika, kif ukoll għall-opri ammirevoli tal-arti."

10 Id-Digriet tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju *De titulo basilicae minor* tas-6 ta' Ġunju 1986 ifisser liema huma l-kundizzjonijiet u liema huma l-obbligi u l-privileġġi ta' *Basilica Minor*.

11 Kien fuq xewqa tal-Papa Milziades (311-314 w.k.) li f'fik is-sena, l-Imperatur Kostantinu kien offra l-proprjetà tal-familja Plauzi Laterani fil-kwartier magħruf bħala *Equites Singulares* fil-belt ta' Ruma, biex tkun tista' tinbena l-knisja mixtieqa. (http://it.cathopedia.org/wiki/Palazzo_Apostolico_del_Laterano_(Roma))

F'dan il-perjodu f'Ruma bdew jitwaqqfu numru ta' Bażiliċi. Fost dawn, l-aktar waħda li bdiet tingħata importanza hija dik ta' *Santa Maria ad Neves* (tas-Silġ).[12] Il-Bażilika Liberiana, kif inhi magħrufa, maż-żmien bdiet tissejjaħ bħala Santa Maria Maggiore peress li hija kienet l-akbar waħda u l-aktar importanti fost il-knejjes kollha tal-belt iddedikati lill-Verġni Marija.

Fir-raba' seklu, dawn il-ħames ċentri l-aktar importanti tal-kristjaneżmu ġew fdati f'idejn it-tmexxija ta' Patrijarka. Il-Patrijarka kien dak li, f'isem il-Papa, kien responsabbli mit-tmexxjia tat-territorju fdat lilu. Kull Partijarka maħtur kellu, għad-dispożizjoni tiegħu, Bażilika għall-użu ta' dmirijietu meta jkun Ruma. Għal dan il-għan, il-Bażilika ta' San Ġwann fil-Lateran ġiet assenjata lill-Papa bħala l-Patrijarka tal-Punent. Dik ta' San Pietru fil-Vatikan ġiet assenjata lill-Patrijarka ta' Kostantinopli, filwaqt li l-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura ġiet assenjata lil dak ta' Lixandra. Il-patrijarkat ta' Antijokja ġie assenjat il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore u l-Bażilika ta' San Lorenzo Fuori le Mura ġiet assenjata lill-Parijarkat ta' Ġerusalemm.[13] B'hekk dawn it-tempji bdew jissejħu Bażiliċi Patrijarkali.[14]

Illum il-ġurnata dan il-patrijarkat hu biss parti mill-istorja, u ma baqagħlu l-ebda funzjoni. Fis-sena 2006 tħabbar li l-Papa Benedittu XVI kien irrinunzja t-titlu tiegħu ta' Patrijarka tal-Punent.[15] Fil-fatt, fil-11 ta' Diċembru 2006, waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fis-Sala Stampa tas-Santa Sede, l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura, il-Kardinal Andrea Cordero Lanza di Montezemolo ħabbar li minn dakinhar il quddiem il-Bażiliċi Patrijarkali ma kinux ser jibqgħu jissejħu aktar hekk. Minflok dawn bdew jissejħu bl-isem il-ġdid tagħhom, dak ta' Bażiliċi Papali, jew aħjar Bażiliċi tal-Papa.[16]

**Bażiliċi Maġġuri**

Il-Bażiliċi Maġġuri huma meqjusa bħala l-aktar tempji ta' importanza fi ħdan il-Knisja Kattolika. L-eqdem dokument li jagħmel referenza għalihom jeħodna lura għas-sena 1727. Kien iż-żmien li l-Bażiliċi ta' San Ġwann fil-Lateran, San Pietru fil-Vatikan, San Pawl, Santa Maria ad Nives, kif ukoll dik ta' San Lorenzo al Verano[17] kienu lkoll qed jiġu meqjusa bħala iktar distinti mill-knejjes l-oħra.[18] Kien żmien li kienu qed jitqiesu bħala knejjes Maġġuri minn fost numru ta' knejjes oħra msejħa Bażiliċi.

Il-Bażiliċi Maġġuri jappartjenu lkoll lill-Papa. Fost il-privileġġi li dawn il-Bażiliċi jgawdu nsibu l-artal maġġur li fuqu jista' jqaddes biss il-Papa. Fl-assenza tiegħu jinħatar delegat minnu. Il-Papa hu rappreżentat f'kull Bażilika permezz ta' Kardinal maħtur minnu li għandu l-ufficċju ta' Arċipriet. Jum id-dedikazjoni ta' kull Bażilika huwa l-aktar jum importanti li jiġi ċċelebrat fil-kalendarju liturġiku.[19]

**Bażiliċi Affiljati ma' Bażiliċi Maġġuri**

Minħabba l-importanza tagħhom, il-Bażiliċi Maġġuri ġew imżejna bir-rebħ tal-Indulġenzi: grazzji speċjali mogħtija lilhom mill-Papiet. Grazzji li jistgħu jiġu akkwistati mill-insara minn dawn it-tempji, f'okkażjonijiet speċjali.

Sa minn qabel ma bdew jitwaqqfu l-Bażiliċi kif nafuhom illum, kienet xi ħaġa komuni li t-titlu ta' Bażilika jingħata permezz ta' Affiljazjoni ma' xi waħda mill-Bażiliċi Maġġuri. Użanża li llum spiċċat u minflok, din inbidlet ma' waħda spiritwali. Permezz ta' Affiljazzjoni Spiritwali, knisja ma tiksibx it-titlu ta' Bażilika kif kien isir fl-antik, iżda tikseb l-istess Indulġenzi li jgawdu l-Bażiliċi Maġġuri. B'hekk, dawn bdew igawdu mill-istess sehem ta' dawn l-akkwisti spiritwali.

12 Tradizzjoni tgħid li darba, waqt il-Pontifikat tal-Papa Liberju (352-366), fil-lejl tal-5 ta' Awwissu, il-Verġni Marija indikat lill-Papa, biex fuq waħda mill-għoljiet ta' Ruma, dik magħrufa bħala *Esquilino*, tinbena knisja f'ġieħha. Jingħad li l-Papa Liberju matul dak il-lejl ra din l-għolja miksija bis-silġ. Xi ħaġa staordinarja għal dak iż-żmien tas-sena. Minnufiħ il-Papa Liberju ta bidu għall-bini ta' dan it-tempju ddedikat lill-Verġni Marija Omm Alla. (https://en.wikipedia.org/wiki/Basilica_di_Santa_Maria_Maggiore)

13 Dan sar fis-sena 451w.k., meta l-belt ta' Ġerusalemm ġiet mgħollija għal ġieħ ta' patrijarkat.

14 Fi ħdan il-Knisja Katttolika hemm tliet tempji oħra li jissejħu Bażiliċi Patrijarkali minħabba l-importanza tagħhom. Dawn huma l-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi, u dik qrib tagħha l-Bażilika ta' Santa Maria degli Angeli, kif ukoll dik ta' San Marco ġewwa Venezja.

15 https://it.zenit.org/articles/comunicato-vaticano-sulla-rinuncia-del-papa-al-titolo-di-patriarca-d-occidente/

16 https://zenit.org/articles/4-basilicas-in-rome-designated-papal/

17 Din il-Bażilika, għalkemm fl-imgħoddi tqieset bħala waħda mill-Bażiliċi Maġġuri, u għalkemm hija waħda importanti, illum il-ġurnata m'hijiex waħda mill-erba' Bażiliċi Maġġuri stabiliti.

18 Dan għaliex huma fost l-ewwel knejjes li twaqqfu, kif ukoll minħabba l-importanza tal-post u r-raġuni li għalihom inbnew.

19 Fid-9 ta'Novembru tiġi ċċelebrata dik ta' San Ġwann fil-Lateran. It-18 ta' Novembru huwa l-jum tad-dedikazzjoni tal-Bażiliċi ta' San Pietru fil-Vatikan u ta' San Pawl fil-Via Ostiense. Il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore tfakkar il-festa tad-dedikazzjoni kif ukoll il-festa titulari tagħha fil-5 ta' Awwissu.

# Bażiliċi f'Malta u Għawdex



Bażilika Madonna tal-Karmnu Valletta



Bażilika Marija Bambina Xagħra, Għawdex



Bażilika San Ġorġ, Vicotira Għawdex



Bażilika San Pietru u San Pawl
Nadur, Għawdex



Bażilika San Duminku, Valletta



Bażilika Marija Bambina, Senglea



Bażilika Santa Helena, Birkirkara



Bażilika Sidtna Marija Mtellgħa Sema, Għawb Għawdex

Il-knejjes f'Malta li huma affiljati mal-Bażiliċi Maġġuri huma dawn:[20]

i. Knisja ta' San Klement iż-Żejtun - affiljata mal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore (1622),
ii. Knisja tal-Madonna tad-Duluri Ħaż-Żebbuġ - affiljata mal-Bażilika tal-Lateran (1726),
iii. Knisja tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri (Għawdex) - affiljata mal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore (1768),
vi. Knisja ta' San Filippu Neri f'Ħal-Għaxaq - affiljata mal-Bażilika tal-Lateran (1782),
v. Knisja tal-Madonna tal-Bon Kunsill fiż-Żejtun – affiljata mal-Bażilika tal-Lateran (1888),
vi. Knisja Parrokkjali ta' Ġesù Nażżarenu f'Tas-Sliema - affiljata mal-Bażilika tal-Lateran (1895) u mal-Bażilika Vatikana (1900),
vii. L-Għar u l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar fir-Rabat (Malta) – affiljati mal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore (1901).

**Bażiliċi Minuri**

Il-Bażiliċi Minuri huma l-aktar komuni u l-iżjed magħrufa. Wara l-editt ta' Milan tas-sena 313 w.K., numru ta' knejjes bdew jinbnew fil-postijiet l-aktar sagri tal-ewwel insara. Minħabba l-importanza tagħhom dawn bdew jissejħu Bażiliċi. Mill-banda l-oħra, bil-firxa globali tal-kristjaneżmu, bdew jinbnew ukoll l-*ecclesia*, il-knejjes komuni, li saru l-postijiet ewlenin ta' qima tal-kristjaneżmu. Kien f'dan iż-żmien li bdiet toħroġ id-differenza bejn knisja u oħra.[21]

Fis-27 ta' Ġunju 1783, l-Papa Piju VI laqa' t-talba li saret mill-patrijiet Agostinjani, u permezz tal-Brevi *Supremus Ille* waqqaf l-ewwel Bażilika barra l-belt ta' Ruma. Din kellha tkun il-knisja ta' San Nikola f'Tolentino.[22] Wieħed u għoxrin sena wara, fl-Italja twaqqfu żewġ Bażiliċi oħra. L-ewwel waħda twaqqfet mill-Papa Piju VII fit-2 ta' Marzu 1804 fil-Katidral ta' San Klement f'Velletri qrib Ruma,[23] u l-oħra fil-Katidral ta' San Flaviano f'Recanati fir-reġjun tal-Marche fit-12 ta' Ġunju 1805.[24] L-ewwel Bażilika li twaqqfet barra mill-Italja kienet dik fil-Katidral ta' Notre Dame f'Pariġi fis-27 ta' Frar 1805.

**L-ewwel Bażilika Minuri f'Malta**

Wara l-Assedju tal-1565, il-Gran Mastru De La Velette beda jaħseb biex jibni belt ġdida. Patri Damjan Taliana O.P., Pirjol tal-Kunvent tal-Lunzjata u Vigarju Provinċjali tad-Dumnikani għamel talba biex jibni knisja u kunvent għad-Dumnikani fil-belt il-ġdida. L-ewwel deskrizzjoni dettaljata ta' din il-knisja nistgħu nsibuha fir-rapport tal-Viżta Pastorali li l-Isqof Tumas Gargallo għamel fl-1608.[25]

Dak iż-żmien, il-Knisja kienet immexxija mill-Papa Dumnikan San Piju V, meqjus bħala wieħed mill-ikbar benefatturi tal-Belt Valletta. Dan il-Papa xtaq ikompli jagħni l-Belt il-ġdida billi waqqaf fiha parroċċa permezz tal-Kostituzzjoni Appostolika *Ex Debito Pastoralis*, maħruġa fit-2 ta' Lulju 1571.[26]

Fit-terremot tal-1693, il-knisja ħasset sewwa u kellha diversi xquq kbar mill-pedamenti saċ-ċinta tagħha. Ġie osservat li dawn ix-xquq kienu perikolużi u għalhekk, il-knisja ġiet magħluqa mill-awtoritajiet. Matul is-seklu tmintax saru diversi tentattivi u l-patrijiet ħabbtu wiċċhom ma' bosta ostakli bit-tama li l-knisja tinbena mill-ġdida. Finalment, ix-xewqa ta' bosta bdiet issir realtà meta fil-25 ta' Novembru 1804, l-Isqof Vinċenz Labini mexxa l-funzjoni tat-tberik u t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.[27]

Sa Mejju 1813, ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel imma, hekk kif tfaċċa l-flaġell tal-pesta, ix-xogħol kellu jieqaf ħesrem għalkemm il-bini tal-knisja kien wasal fi stadju avvanzat. Il-ħidma tad-Dumnikani fi żmien ta' epidemiji dejjem spikka. Fost id-Dumnikani tal-Belt jissemmew Patri Antonin Abela, Patri Salv Debattista, Patri Rużar Attard

20 Oriġinarjament dawn kienu knejjes privati tan-nobbli jew tas-sinjuri. Xi wħud iġibu fuqhom Salib Bazilikali b'żewġ stangati u oħrajn bi tlieta. Kienu s-sidien u/jew ir-Retturi tal-Benefiċċju (mhux ir-Retturi tal-knisja) li kienu ġabu dan il-ġieħ għall-knisja tagħhom, li mhux bilfors li kellhom l-għajnuna tal-Isqof Djoċesan ta' Malta. Dawn il-knejjes bil-ġieħ ta' Bażilika jissejħu *Basilica Ad Honorem* u kienu jiġu awtorizzati permezz ta' *Biglietto di Complimento* maħruġ mill-Kardinal Rettur ta' xi waħda mill-Bażiliċi Maġġuri u mhux mis-Santa Sede.

21 Knejjes mibnija fuq postijiet sagri f'Ruma kif ukoll fl-Art Imqaddsa bdew jissejħu Bażiliċi, u hekk bdew jingħażlu mill-knejjes l-oħra.

22 Bħala l-ewwel Bażilika li twaqqfet permezz ta' digriet mill-Awtoritajiet Appostoliċi, hija fetħet it-triq għat-twaqqif ta' bażiliċi oħra kif nafuhom illum.

23 http://en.geosearch.it/s_12870/Velletri/chiese/Basilica-Cattedrale-di-San-Clemente.php.

24 https://it.wikipedia.org/wiki/Concattedrale_di_San_Flaviano.

25 Fsadni, M., *Id-Dumnikani fil-Belt*, Malta, 1971, p. 9ff.

26 *Ibid*., p. 71. Din kienet prattikament l-ewwel knisja li nbniet fil-Belt għaliex qabilha, fis-sena 1567, kienet inbniet il-knisja tal-Vitorja. Għal verżjoni bil-Malti tal-*Motu Proprio* li fih Piju V fisser u ta d-dettalji kif u għaliex ried joħloq din il-parroċċa ara Vella, A., *Il-Parroċċa tal-Portu Salvu u San Dumniku 1571-1971*, Malta, 1971, p. 12-16.

27 Grech, A.M., "Għeluq l-ewwel mitt sena 1815-1914," f'*Ir-Rużarju*, IV sena, 1915, p. 130.

u Patri Lawrenz Thei. Ma jistgħax jitħalla barra, iżda, Patri Nikol Trapani, il-Viċi-Parroku tal-Belt, li miet appestat biex jgħin lill-morda fl-1813.[28]

Fil-15 ta' Mejju 1815, il-knisja l-ġdida ġiet imbierka minn Mons. Isqof Ferdinandu Mettei u b'hekk infetħet għall-kult. Hija ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Ottubru 1889 minn Mons. Arċisqof Pietru Pace.

Għaldaqstant, l-istorja antika tal-knisja Matriċi u Parrokjali ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo, imsieħba mal-ħidma spiritwali u materjali li wettqu l-Patrijiet Dumnikani speċjalment fiż-żmien li fih il-pesta ħarbtet il-Gżira ta' Malta fejn "lejl u nhar, mingħajr ma taw kas ta' ħajjithom, ġrew kullimkien biex jamministraw is-Sagramenti u biex jgħinu lill-parruċċani kollha sew tagħhom kemm ukoll oħrajn, kull fejn kien hemm il-morda b'din il-marda li tittieħed, u kull fejn kien hemm dawk li qegħdin imutu ...,"[29] kienu strumentali u ssemmew bi prominenza fir-rikors li tressaq għal ġieħ ta' Bażilika Minuri.

Il-Papa Piju VII laqa' dan ir-rikors u fil-25 ta' Marzu 1816 għolla lil din il-knisja għal ġieħ ta' Bażilika Minuri bil-Brevi *Explorata Proximorum Dilectio*.[30] B'hekk, u bil-ħidma sfieqa ta' Patri Vinċenz Portelli OP, il-knisja tal-Porto Salvo u San Duminku fil-Kapitali tagħna saret it-tmien Bażilika Minuri fid-dinja, it-tielet waħda 'l hemm mill-Italja u l-ewwel waħda f'Malta.

**Bażiliċi Minuri oħra f'Malta**

*1895 Knisja ta' Sidtna Marija tal-Karmnu, Valletta*

Il-Knisja, oriġinarjament iddedikata lil Marija Annunzjata, nbniet għall-ewwel darba fl-1570 bit-tħabrik ta' Patri Majjistru Ġwann Vella wara li sab għajnuna minn Malta, minn Sqallija, mingħand il-Gran Mastru Pietro del Monte u mingħand xi msieħbin tal-Ordni ta' San Ġwann. Il-knisja ġiet mibnija fuq disinn tal-arkitett Ġlormu Cassar. B'ordni tal-Isqof Martin Royas, Dun Teramo Balzan għamel madwar 13-il sena jamministra s-sagramenti minn din il-knisja, li allura kienet qed isservi bħala waħda mill-parroċċi tal-Belt Valletta, sakemm ġiet mibnija il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu.[31]

Din il-knisja saret Santwarju fl-15 ta' Lulju 1881 bl-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu meqjuma fil-kwadru titulari minn Mons. Carmelo Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Erbatax-il sena wara, fl-13 ta' Mejju 1895, hija ġiet elevata għal ġieħ ta' Bażilika Minuri mill-Papa Ljun XIII b'digriet li jġieb l-isem ta' *In Supremo Sacro Pricipatis Culmine*.[32]

Maż-żmien, il-Patrijiet Karmelitani bdew iħossu li kien wasal iż-żmien li jtellgħu knisja oħra minflok dik aktar antika. L-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, li nbniet fuq pjanta tal-Kav. Ġuże Damato, tqiegħdet fit-30 ta' April 1958.

*1921 Knisja Parrokkjali tat-Twelid ta' Sidtna Marija, Senglea*

Il-knisja ewlenija tal-Belt Senglea, iddedikata lit-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija, ġiet mibnija għall-ewwel darba fis-sena 1580 b'tifkira tar-Rebħa Kbira li l-Maltin flimkien mal-Kavallieri kienu għamlu fuq it-Torok, fit-8 ta' Settembru ta' ħmistax-il sena qabel. Fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1581, l-Isla ħadet il-limiti kollha tagħha mill-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu, u b'digriet tal-Papa Girgor XIII, din il-Knisja saret Parroċċa.[33] Din il-knisja ġiet kkonsagrata solennement mill-Isqof Alpheran de Bussan fil-15 ta' Ottubru 1743.[34]

Għad-domanda li ressaq il-Kappillan Dun Salvatore Bonnici, il-Papa Piju VI, fil-21 ta' Mejju 1786 ħareġ il-Bolla *Exigit Apostolici Officii* li permezz tiegħha għolla lil din il-Parroċċa għad-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji.[35]

Fit-3 ta' Jannar 1921, il-Papa Benedittu XV ħareġ il-Brevi *Ad Perennandam Memoriam* li permezz tiegħu din

---

28 Vella, *op. cit.*, p. 43.
29 Mill-Brevi li bih il-Knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta ġiet elevata għal Bażilika Minuri.
30 Għal verżjoni bil-Malti tal-Brevi tal-Bażilika ara Vella, *op. cit.*, p. 44-48.
31 Borg Gusman, V., "Marian Devotion in the Maltese Carmelite Province During the 17th and 18th Centuries," f'*Marian Devotions in the Island of St Paul*, Borg, V. (ed), Malta, 1983, p. 285.
32 Sammut, L., *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta, 1952.
33 Bonnici, A, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. I, Malta, 1981, p. 54.
34 Bonnici, A, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. II, Malta, 1986, p. 211.
35 *Ibid.*, p. 341.

il-knisja kolleġġjata ġiet imtella' fid-dinjita għolja ta' Bażilika Minuri.[36] Dawn kollu kien frott il-ħidma ta' żewġ qassisin Sengleani: il-Benedittin Dom Mawru Inguanez OSB u Dun Goffred Lubrano. Huma xtaqu ħafna li dan it-titlu jingħata b'rabta mal-fatt li din il-knisja kienet ser issir Santwarju bl-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina, l-unika statwa Marjana f'Malta nkurunata b'digriet tal-Vatikan, li seħħet fl-4 ta' Settembru tal-istess sena minn Mons. Don Mawru Caruana OSB, Arċisqof ta' Malta.[37]

*1932 Knisja ta' Sidtna Marija fit-Tlugħ tagħha fis-Sema, Għarb, Għawdex*

Knisja ddedikata lill-Verġni Marija Assunta kienet mibnija qabel 1545 meta din ġiet reġistrata, bħala li kienet għada kif inbniet mill-ġdid, fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Duminik Cubelles. Fl-1615 ġiet irrestawrata minn Filippu Gauci, magħruf bħala Pinu li minnu l-kappella ħadet isimha u hekk baqgħet magħrufa.[38]

Fit-22 ta' Ġunju, 1883, Karmni Grima, xebba ta' 45 sena mill-Għarb, li kienet ġejja mill-għalqa, kif waslet qrib il-knisja ta' Ta' Pinu, semgħet leħen isejħilha: *'Ejja! Ejja!'*. Billi ma kien jidher ħadd, kienet se tkompli triqtha, meta reġgħet semgħet il-leħen isejħilha. Karmni daħlet fil-knisja u semgħet leħen li qalilha: *'Għid tliet Ave Marijiet, f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tiegħi dam fil-qabar.'* B'devozzjoni kbira Karmni għamlet kif ġiet ordnata, u mbagħad, kollha ħosbiena fuq dak li ġara, marret lura lejn darha.[39]

Kien wara xi sentejn, li hija fetħet qalbha ma' Franġisk Portelli, għażeb u bniedem tar-ruħ mill-Għarb, li stqarrilha, li għal sitt darbiet hu wkoll sema' l-leħen tal-Madonna li ħeġġu biex ikollu devozzjoni lejn it-tbatijiet ta' Kristu fil-passjoni.

Il-fama tad-devozzjoni tal-Madonna Ta' Pinu bdiet tinxtered u, f'qasir żmien, il-knisja saret żgħira wisq għan-numru kbir ta' pellegrinaġġi li bdew iżuruha. Fis għalhekk, beda jinħass il-bżonn li l-knisja titkabbar. Ix-xogħol fuq il-knisja l-ġdid inbeda fit-30 ta' Mejju, 1920. Ħdax-il sena wara, nhar it-13 ta' Diċembru tal-1931, Mons. Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex, ikkonsagraha. Disa' xhur biss wara, fil-31 ta' Awwissu 1932, il-Papa Piju XI għolla lill-Knisja Ta' Pinu għall-gieħ ta' Bażilika Minuri bil-Brevi *Referet Ad Nos* li jġib il-firma tal-Kardinal Eugenio Pacelli, Segretarju tal-Istat u l-futur Papa Piju XII.[40] Fl-20 ta' Ġunju 1935, il-Bażilika Ta' Pinu saret Santwarju bl-inkurunazzjoni tal-Madonna fil-kwadru titular mill-Kardinal Alexis Lepisièr.[41]

*1950 Knisja Parrokkjali ta' Sant'Elena, Birkirkara*

Il-Parroċċa ta' Birkirkara kienet diġà tiffunzjona fl-1360 mill-kappella ta' Santa Liena fil-limiti tal-Għargħar. Fl-1575, l-Isqof Pietru Dusina, bħala Viżitatur Apostoliku ħalla miktub li żar il-Knisja Parrokkjali l-antika ta' Birkirkara, u li din kienet iddedikata lil Sant'Elena.[42] Fil-5 ta' Diċembru 1630, il-Papa Urbanu VIII waqqaf il-Kolleġġjata Elenjana permezz ta' Brevi *Sacri Apostolatus Ministerio*. Dan kien fi żmien il-Kappillan ħabrieki Dun Filippu Borgia (1567-1649).[43]

Fis-27 ta' April 1727, l-Isqof Gaspar Gori Mancini, wara li kien diġà bierek il-pedamenti, qiegħed l-ewwel ġebla tal-maqdes Elenjan tal-lum, mibni f'post aktar ċentrali ta' Birkirkara u akbar fid-daqs minn ta' qablu.[44]

Kien fl-20 ta' Ottubru 1782, meta l-Isqof Vinċenz Labini kkonsagra b'rit solenni dan it-tempju taħt it-titlu ta' Sant'Elena Imperatriċi.[45] Fil-18 ta' Jannar 1950, il-Kolleġġjata Elenjana kisbet unur ieħor kbir mill-Papa Piju XII meta bil-Brevi *Melitam Insulam* hija ġiet mgħollija għad-dinjita ta' Bażilka Minuri.[46]

*1958 Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Martri, Victoria, Għawdex*

Sa mill-imgħoddi mbiegħed, fl-istess post fejn illum hemm il-knisja ta' San Ġorġ, kien hemm knisja oħra ddedikata

36 Bonnici, A, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Malta, 1991, p. 235.
37 *Ibid.*, p. 241.
38 Bonnici, A., Kwadri u Statwi Inkurunati f'Malta u Għawdex, Malta, 2003, p. 144.
39 *Ibid.*, p. 146.
40 *Ibid.*, p. 147.
41 *Ibid.*, p. 148. Din kienet it-tieni żjara ta' kardinal f'Għawdex (mhux kif jikteb Bonnici fil-paġna ċċitata) għaliex fid-19 ta' April 1913, il-Kardinal Domenico Ferrata kien inawgura l-knisja tat-Twelid ta' Marija, mgħarufa bħala Ta' Savina, fir-Rabat.
42 Xuereb, P., *Birkirkara*, Malta, 2005, p. 19.
43 *Ibid.*, p. 26.
44 *Ibid.*, p. 51.
45 *Ibid.*, p. 60.
46 *Ibid.*, p. 87.

lill-qaddis patrun tal-gżira Għawdxija.[47] Il-knisja ta' San Ġorġ li naraw illum, inbniet minflok oħra aktar qadima. Din il-knisja, li x-xogħol fuqha inbeda fl-1672, inbniet bħala ħajr lil San Ġorġ wara pesta qalila li laqtet lil Malta f'dawk iż-żminijiet. Bi grazzja speċjali, Għawdex inħeles minn dan il-flaġell.

Fl-1679, l-Isqof Mikiel Ġwann Molina għaraf u kkonferma l-qedem ta' din il-knisja tant li qiegħdha mal-eqdem parroċċi ta' dawn il-gżejjer, jiġifieri wara l-ewwel tmien parroċċi ta' Malta fis-seklu XV.[48] Il-konsagrazzjoni tagħha saret fil-21 ta' Settembru 1755.

Bid-digriet *Merito Dilaudatur Templum* tal-Papa Piju XII, li jġib id-data tas-6 ta' Settembru 1958, il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet mogħtija l-unur ta' Bażilika Minuri. Fl-10 ta' Marzu 1968, din il-Bażilika ġiet aggregata mal-Bażilika tal-Lateran. Minkejja dan l-unur, il-Kleru u n-nies ta' San Ġorġ komplew jaħdmu għat-twaqqif tal-Kolleġġjata. Id-digriet tat-twaqqif tal-Kolleġġjata Ġorġjana jġib il-firma ta' Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, bid-data tat-8 ta' Diċembru 1976.[49]

*1967 Knisja Parrokkjali ta' San Pietru u San Pawl, Nadur, Għawdex*

Il-parroċċa ddedikata lill-appostli li nisslu lil Ruma u mexxew lill-ġnus ġiet stabbilita mill-Isqof David Cocco Palmeri fit-28 ta' April 1688. Għal xi żmien is-sede tal-parroċċa kienet il-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala, li dakinhar kienet tagħmel mal-istess territorju.[50] L-ewwel ġebla tagħha tpoġġiet fl-24 ta' Diċembru tal-1760. L-arkitett magħżul kien Ġużè Bonnici filwaqt li id-disinjatur kien il-Kapuċċin Fra Ġużepp Grech mill-Isla.[51] Il-faċċata u n-navi nbnew fil-bidu tas-seklu għoxrin fuq disinn tal-arkitett Malti Francesco Saverio Sciortino.

Il-knisja preżenti ġiet konsagrata fit-12 ta' Mejju 1867 minn Mons. Isqof Pawlu Micallef OSA, Amministratur Appostoliku ta' Għawdex. Il-knisja saret Arċipretali fid-19 ta' Diċembru 1893.[52] Fid-19 ta' Settembru 1894, din il-knisja ġiet mogħtija l-ġieħ ta' Kolleġġjata mill-Papa Ljun XIII bil-Brevi *Sancte Romanae Ecclesiae*. Fis-26 ta' Ġunju 1967 ingħatat it-titlu ta' Bażilika Minuri mill-Papa Pawlu IV bil-Brevi *Romæ Parentibus Arbitrisque Gentium*.[53] Din il-bażilika, fid-29 ta' Jannar 2004, ġiet aggregata mal-Bażilika Papali ta' San Pietru u mal-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura fl-19 ta' Mejju tal-istess sena.

*1967 Knisja Parrokkjali tat-Twelid ta' Sidtna Marija, Xagħra, Għawdex*

Il-parroċċa tax-Xagħra twaqqfet fit-28 ta' April 1688. Mill-1688 sal-1692, il-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra kienet dik li llum insejħulha ta' Sant'Anton Abbati.[54] Mal-mixja tas-snin, il-poplu tax-Xagħra kompla jikber tant li beda jinħass il-bżonn ta' knisja akbar. L-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida tqiegħdet fit-2 ta'Ottubru 1815.

Fil-5 ta' Jannar 1855, il-knisja kollha kienet lesta barra l-koppla u ġiet imbierka fl-14 ta' Frar 1855.[55] Tlieta u għoxrin sena wara li tlesta l-bini tal-knisja l-ġdida, fis-26 ta' Mejju 1878, il-knisja ġiet ikkonsagrata f'ċerimonja solenni mill-Isqof Mons. Pietru Pace.[56]

Fl-1893, il-kappillan tax-Xagħra ġie mgħolli għad-dinjita ta' Arċipriet biex b'hekk il-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra saret Arċiprietali. Il-poplu tax-Xagħra, li kien imkabbar wisq bil-knisja li bena, xtaq jara l-parroċċa mogħnija bit-titlu ta' Kolleġġjata.

Wara li ntbagħat rikors Ruma, fis-17 ta' Marzu 1899, il-Papa Ljun XIII, fil-Bolla Apostolika iffirmata mill-Kardinal Benedetto Aloisi Masella, ikkonferma uffiċjalment li l-parroċċa tax-Xagħra saret Kolleġġjata.[57] Madankollu, l-aqwa dinjità għall-Knisja Kolleġġjata tax-Xagħra kien meta ngħatat it-titlu ta' Bażilika Minuri bid-digriet *Ad Perpetuam*

---

47 Fiorentino, E., "Il-Knisja Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ Martri," f'*Teżori fil-Knejjes Maltin*, Schiavone, M. (ed.), Malta, 2006, p. 82.
48 *Ibid.*, p. 86.
49 *Ibid.*, p. 88.
50 Bonnici, A., "Nadur – San Pietru u San Pawl," f'*Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi tagħhom*, Malta, 1994, p. 98.
51 *Ibid.*, p. 102.
52 *Ibid.*, p. 108.
53 *Ibid.*, p. 113.
54 Refalo Rapa, J., *The Xagħra Monumental Church*, Gozo, 1969, p. 12.
55 *Ibid.*, p. 21.
56 Ibid., p. 23.
57 *Ibid.*, p. 29.

*Rei Memoriam* li jġib id-data tad-26 ta' Awwissu 1967.[58]

Il-Kolleġġjata-Bażilika tax-Xagħra ġiet mogħnija bit-titlu ta' Santwarju meta fit-2 ta' Settembru 1973, Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdxija, mexxa ċerimonja solenni li fiha nkuruna l-istatwa titulari ta' Marija Bambina. Fit-30 ta' Lulju 2003, din il-Bażilika Marjana ġiet aggregata mal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore.

*1967 Knisja Parrokkjali ta' Sidtna Marija tal-Viżitazzjoni, Għarb, Għawdex*

Fid-29 ta' Awwissu 1679, l-Isqof Mikiel Molina waqqaf lir-raħal tal-Għarb u għamlu parroċċa għall-punent ta' Għawdex.[59] Kienet it-tieni parroċċa li kellha tiġi sabbilita 'l barra mir-Rabat. L-ewwel Knisja Parrokkjali kienet dik tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija lil Santa Eliżabetta li kienet tinsab ftit l-isfel minn fejn tinsab il-knisja tal-lum. Fil-fatt, il-knisja oriġinali, magħrufa bħala 'Taż-Żejt' tinsab qrib iċ-ċimiterju tal-lokal.

Iż-żieda fil-popolazzjoni tar-raħal ġiebet magħha l-ħtieġa li tinbena knisja akbar u f'post aktar ċentrali. Il-knisja li naraw illum ġiet mibnija bejn l-1699 u l-1729 minħabba l-fatt li nħolqu ħafna diffikultajiet għaliex ma kienx hemm flus. Fit-28 ta' Settembru 1755 saret il-konsagrazzjoni solenni ta' dan il-maqdes ġdid mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan. Il-Knisja Parrokkjali tal-Għarb saret Kolleġġjata fid-19 ta' Mejju 1774 mill-Papa Klement XIV.

Il-Kolleġġjata tal-Viżitazzjoni tal-Għarb issoktat tikber fid-dinjità tagħha meta ġiet elevata għal ġieħ ta' Bażilika Minuri fit-28 ta' Novembru 1967.[60] Fil-25 ta' Lulju 1979, meta l-parroċċa kienet qed tfakkar it-tielet ċentinarju mit-twaqqif tagħha, il-Kolleġġjata tal-Għarb saret Santwarju bl-inkurunazzjoni, minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, tax-xbieha tal-Madonna fil-kwadru titulari.

**Għeluq**

Kull bażilika li twaqqfet sal-1836, kien ikollha l-privileġġi li kienet ser tgawdi mniżżlin fil-Brevi tal-erezzjoni. Dawn id-dokumenti kienu jkunu wieħed differenti minn ieħor. Iżda, fis-27 ta' Awwissu 1836, il-Kongregazzjoni tar-Riti ppubblikat id-dokument, imsejjaħ *Lucerina,* u li fih tkellmet dwar l-użu tal-privileġġi u d-drittijiet li għandhom igawdu l-knejjes Bażiliċi.

Wara l-Konċilju Vatikan II ir-rwol tal-knejjes Bażiliċi ġie addattat għaż-żminijiet tal-lum. Id-digriet *Domus Dei,* mogħti fis-6 ta' Lulju 1968 mill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin, stabilixxa li kull Bażilika għandha tkun tempju b'rabta speċjali mal-Papa, u jagħti qima speċjali lill-fundaturi tal-Knisja. Aktar qrib tagħna, id-digriet *Domus Ecclesiae* tad-9 ta' Novembru 1989, kompla jikkonferma dan. Il-knejjes Bażiliċi komplew jiġu mogħnija bil-grazzji spiritwali tal-Indulġenzi, simili għal dawk tal-Bażiliċi Maġġuri.

Il-Bażilika hija tempju li tagħti glorja lil Alla. Permezz ta' numru biżżejjed ta' saċerdoti, kull knisja Bażilika għandha tiżgura li qed twassal servizz liturġiku u pastorali b'emfasi ta' formazjoni reliġjuża fost il-komunità fi ħdana. Il-ġieħ ta' Bażilika hu mhux ħlief għaqda universali tal-komunitajiet Insara li jħaddnu rabta speċjali mal-Papa. Patt li jorbot lilna, flimkien mal-knejjes Bażiliċi kollha, f'rabta intima mal-Papa, Suċċessur ta' San Pietru. Rabta li trid tiġi espressa permezz tat-talb u x-xandir tat-tagħlim tiegħu.

---

58 *Ibid.*, p. 93.

59 Cauchi, A., "Għarb – Il-Viżitazzjoni," f'*Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi tagħhom*, Malta, 1994, p. 33.

60 *Ibid.*, p. 35. Hawn tajjeb jiġi osservat li fir-raħal u l-parroċċa tal-Għarb stess, diġà kien hemm Bażilika Minuri oħra ta' importanza u li kienet approvata kanonikament mill-Papa u s-Santa Sede fl-1932. Wieħed ukoll ma jridx jinsa li l-Knisja u s-Santa Sede ma jippermettux li fl-istess raħal, belt jew parroċċa, u bl-istess denominazzjoni ta' kleru, ikun hemm aktar minn Bażilika waħda. (Dak li kien ġara fil-Belt Valletta kien każ eċċezzjonali.) F'din iċ-ċirkustanza li fiha l-Kolleġġjata tal-Għarb ma setgħetx issir Bażilika, is-Santa Sede kienet tat parir lill-Isqof Nikol Cauchi biex, bl-Awtorità Ordinarja tiegħu, jgħaqqad il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb mal-Bażilika Ta' Pinu u b'hekk, il-Knisja Parrokkjali tal-Għarb tkun tista' tissejjaħ Bażilika Minuri bħall-oħrajn. Għal dan ma kienx hemm il-ħtieġa tal-approvazzjoni tas-Santa Sede għaliex dan il-każ partikulari kien ser jaqa' fir-responsabbiltà u l-ġurisdizzjoni tal-isqof djoċesan u b'digriet tiegħu. Hu minnu, iżda, li l-Isqof Cauchi xtaq li jkollu xi forma ta' digriet minn Ruma. Għaldaqstant, wara bosta laqgħat u korrispondenzi, u bil-għajnuna tal-Isqof Martin John O'Connor li kien in-Nunzju Appostoliku għal Malta f'dik il-ħabta, il-Kongregazzjoni tal-Konċilju kienet approvat li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb kellu jingħaqad mal-Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha marbuta mal-Bażilika. Dan kien seħħ b'Digriet Appostoliku tal-istess Kongregazzjoni datat 28 ta' Novembru 1967. Dan id-digriet ġie fis-seħħ meta l-Isqof Cauchi ppromulgah uffiċjalment fil-Kolleġġjata tal-Għarb nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju 1968, sitt xhur wara d-digriet ta' Ruma. B'hekk, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb jistrieħ fuq żewġ knejjes Bażilikali Minuri tal-istess importanza fl-istess raħal u parroċċa, jiġifieri l-knisja tal-Madonna Ta' Pinu li magħha hu affiljat il-Kapitlu Kolleġġjali tal-Għarb flimkien mal-Knisja Parrokkjali tal-istess raħal. Dan hu każ waħdieni fl-istorja tal-gżejjer u taż-żewġ djoċesijiet Maltin.